MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 27/2006

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar il-11 ta' Settembru tas-sena 1999 fil-Knisja ta' Sant' Agata fir-Rabat (Dok A);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet kif ukoll ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;
Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-11 ta’ Settembru, 1999 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-artikoli 19(1d) u 19 (1f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ngunta personalment biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimata li biha eccepiet illi hija taqbel li z-zwieg ta’ bejn iz-zewg kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet indikati mill-attur fir-rikors promotur tieghu.

Rat il-listi tax-xhieda tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-11 ta’ Settembru 1999 huwa null u bla effett fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-11 ta’ Settembru 1999 wara gherusija ta’ circa hames snin. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal, ghax il-partijiet fir-relazzjonijiet intimi taghhom kienu jeskludu materjalment din il-possibilita’. Huwa rilevanti wkoll il-fatt li ghal circa tmien xhur qabel iz-zwieg u qrib id-data taz-zwieg il-partijiet kienu hassru r-relazzjoni ta’ bejniethom; izda sussegwentement irrezumew ir-relazzjoni, u wara ftit zzewwgu..

Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attur isostni li l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza “*App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, <u>fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens</u>, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “<u>gravi</u>”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg</u>; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Mill-provi jirrizulta manifest li, ghalkemm il-partijiet damu jghixu flimkien ghal certu zmien, qabel ma eventwalment isseparaw, il-kunsens taghhom kien vizzjat minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu precitat. Jirrizulta wkoll manifest li l-partijiet ma kienux fehmu l-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali li huma bazati fuq il-

kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, kif ukoll ghal benessere reciproku. Jigi osservat li l-kapacita' ghall-assunzjoni ta' dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [*PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003*]. Din il-mankanza fiz-zewg partijiet tinsab riflessa wkoll fil-fatt li nonostante l-konvivenza ta' bejniethom, dawna qatt ma fformaw l-intenzjoni li jkollhom tfal miz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrent hija gustifikata fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn iz-zewg partijiet fit-11 ta' Settermbru 1999; l-ispejjez jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet ugwalment.

Inoltre tordna li din is-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------